

31981L0464

4.7.1981

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 183/33

**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL****ta' l-24 ta' Ġunju 1981****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/25/KEE dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-materji kuluranti li jistgħu jiġu miżjuda mal-prodotti mediċinali**

(81/464/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,Billi l-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/25/KEE <sup>(3)</sup> jstabbilixxi illi l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw, biex jingħata l-kulur lill-prodotti mediċinali għall-użu tal-bniedem u veterinarju, xi materja kuluranti għajr dawk koperti bit-Taqsimiet I u II ta' l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-materji kuluranti awtorizzati għall-użu fl-oġġetti tal-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem <sup>(4)</sup>;

Billi t-Taqsima I ta' l-Anness hawn fuq imsemmi tkopri l-materja kuluranti kemm għal kulur tal-massa u kemm għall-kulur tal-wiċċ, u t-Taqsima II tkopri l-materja kuluranti għall-kulur tal-wiċċ biss;

Billi ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni għal raġunijiet tas-saħħa pubblika li tinżamm, fil-każ tal-prodotti mediċinali, id-distinzjoni magħmula fil-każ ta' l-oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem bejn materja kuluranti kemm għall-kulur tal-massa u kemm għall-kulur tal-wiċċ u materja kuluranti għall-kulur tal-wiċċ biss;

Billi d-Direttiva 78/25/KEE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 1 tad-Direttiva 78/25/KEE:

“Madankollu, fil-każ tal-prodotti mediċinali, l-ebda distinzjoni m'għandha ssir bejn materja kuluranti kemm għall-kulur tal-massa u kemm għall-kulur tal-wiċċ u materja kuluranti għall-kulur tal-wiċċ biss.”

*L-Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Ottubru 1981 u għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

*L-Artikolu 3*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Ġunju 1981.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G.M.V. van AARDENNE

<sup>(1)</sup> ĠU C 4, tas-7.1.1980, p. 46.<sup>(2)</sup> ĠU C 113, tas-7.5.1980, p. 36.<sup>(3)</sup> ĠU L 11, ta' l-14.1.1978, p. 18.<sup>(4)</sup> ĠU 115, tal-11.11.1962, p. 2645/62.